IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 16.01.2006
KUMM(2005) 716 finali

2003/0297 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**
**LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta’ l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistipula linji ta' gwida għal netwerks ta' enerġija trans-Ewropej u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 96/391/KE u Nru 1229/2003/KE**

MT MT

2003/0297 (COD)

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

**skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistipula linji ta' gwida għal netwerks ta' enerġija trans-Ewropej u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 96/391/KE u Nru 1229/2003/KE**

## 1. SFOND

| | |
|---|---|
| Data tat-tressiq tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill (dokument COM(2003) 742 – C5-0064/2004 – 2003/0297(COD) | 04.02.2004 |
| Data ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: | 02.06.2004 |
| Data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: | 07.06.2005 |
| Data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni: | 01.12.2005 |

## 2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u l-funzjonament tas-suq intern ta' l-enerġija huma kwistjonijiet politiċi ewlenin. Dan huwa rifless fil-linji ta' gwida dwar l-Enerġija Trans-Ewropea (TEN-E) li jimmiraw lejn l-installazzjoni ta' netwerk tal-gass u l-elettriku tassew Ewropew permezz ta' rabtiet aħjar bejn in-netwerks nazzjonali frammentati.

Mill-aħħar adozzjoni tal-Linji ta' Gwida għat-TEN-E f'Ġunju 2003, qamet il-ħtieġa li l-Istati Membri l-ġodda u l-pajjiżi kandidati jiġu integrati bis-sħiħ f'dawn il-linji ta' gwida, u li dawn ta' l-aħħar jiġu adattati għall-politika l-ġdida Ewropea tal-Viċinat.

Ir-reviżjoni tal-Linji ta' Gwida TEN-E proposti mill-Kummissjoni f'Diċembru 2003 jimmiraw espliċitament lejn l-inkorporazzjoni ta' l-għaxar Stati Membri ġodda fil-proġetti ta' prijorità. L-appoġġ TEN-E qed jiċċaqlaq mill-kofinanzjament ta' studji ta' fattibbiltà għall-appoġġ ta' l-iktar kapaċità importanti ta' interkonnessjoni fl-Anness IV tal-proposta oriġinali. L-elementi ġodda ewlenin tal-Linji ta' Gwida proposti huma (i) id-deżinjazzjoni ta' proġetti ta' interess Ewropew għall-proġetti b'aspett sinifikanti ħafna ta' l-involviment ta' aktar minn stat wieħed, u (ii) il-ħatra ta' koordinatur Ewropew li jinħatar sabiex jikkontribwixxi lejn it-tħejjija effiċjenti tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom skond l-iskeda maqbula. Bl-aċċellerazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' interkonnessjonijiet essenzjali minn pajjiż għall-ieħor, il-miżuri l-ġodda jikkontribwixxu lejn l-iżgurar ta' swieq ta' l-enerġija sikuri u kompetittivi.

Il-Proġetti ta' Interess Ewropew għandhom l-għan li jappoġġaw l-implimentazzjoni rapida ta' l-iktar kapaċità importanti ta' interkonnessjoni bejn aktar minn stat wieħed. Il-proġetti jikkwalifikaw li huma ta' interess Ewropew jekk jissodisfaw ċerti kriterji, partikolarment jekk

jinsabu fuq assi ta' prijorità, jinvolvu aktar minn stat wieħed jew ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità ta' trażmissjoni minn pajjiż għall-ieħor u jkunu maturi fis-sens li jistgħu jinbdew qabel tmiem l-2006 u jitlestew fl-2010.

Il-koordinatur Ewropew għandu jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-utenti u l-operaturi, u jippromwovi l-proġetti fost investituri privati u istituzzjonijiet finanzjarji. Koordinatur jiġi nnominat mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati u dan jaġixxi f'isem il-Kummissjoni u għaliha.

## 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 3.1. Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-pożizzjoni komuni

Il-Kunsill jappoġġa l-għan ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni: li l-linji ta' gwida tan-netwerk ta' enerġija trans-Ewropew jiġu adattati għall-konsegwenzi tat-tkabbir riċenti ta' l-Unjoni. Madankollu, il-Kunsill ma aċċettax l-elementi l-ġodda dwar l-implimentazzjoni introdotti mill-Kummissjoni.

Matul taħdita bejn it-tliet partijiet li seħħet fl-ewwel qari, intlaħqu kompromessi dwar il-kwistjonijiet ta' referenzi xierqa għal gassijiet olefini u sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija; dawn il-kompromessi huma inklużi fil-pożizzjoni komuni.

Il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-pożizzjoni komuni ttejjeb il-proposta tal-Kummissjoni billi tiċċara numru ta' kwistjonijiet, bħall-ispeċifikazzjoni tal-proġett, in-netwerks olefini u s-sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija. L-ispeċifikazzjoni tal-proġett issa hija elenkata fi tliet annessi, fejn tinżamm in-natura ta' 'lista magħluqa' għall-proġetti ta' interess Ewropew – oriġinarjament elenkata fl-Anness IV iżda issa magħquda ma' l-Anness I. Barra minn hekk, in-'netwerks olefini' huma inklużi bil-kundizzjoni li l-proġetti korrispondenti ma jiġux iffinanzjati mil-linja tal-baġit TEN-E, iżda jkunu jistgħu jirċievu appoġġ mod ieħor, u jiddaħħlu referenzi addizzjonali għal sorsi rinnovabbli ta' enerġija.

Bażikament, il-pożizzjoni tal-Kunsill ma nbidlitx mill-pożizzjoni tagħha ta' Ġunju 2004 f'relazzjoni mal-kwistjonijiet marbuta mad-dikjarazzjoni ta' l-interess Ewropew u l-koordinatur Ewropew. Għalhekk, il-**koordinament meħtieġ ta' proġetti li jinvolvu aktar minn stat wieħed** u l-kooperazzjoni korrispondenti ta' l-Istati Membri mhumiex stabbiliti. Il-Kunsill ma laqax il-proposta li l-fondi Komunitarji kollha jiġu kkoordinati aħjar u li l-proġetti kollha jingħataw l-istess prijorità, partikolarment għal proġetti ta' interess Ewropew. Barra minn hekk, ma aċċettax ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-proġetti ta' prijorità kollha li jkunu ddikjarati li huma ta' interess Ewropew, irrispettivament mill-possibbiltà ta' finanzjament mill-Kummissjoni

Fid-diskussjonijiet informali ma setgħux jiġu solvuti d-differenzi fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Konsegwentement, il-Kummissjoni b'dispjaċir tinnota li minkejja d-diskussjonijiet informali fil-fond, ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari.

Fuq in-naħa tal-Parlament Ewropew, ir-*rapporteur* tal-Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija fil-Parlament, is-Sinjura Laperrouze, fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew appoġġat bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni speċjalment dwar il-proġetti ta' interess Ewropew u dwar il-Koordinatur Ewropew. Barra minn hekk, fis-Sessjoni Plenarja u fil-

votazzjoni sussegwenti tal-Parlament fis-6-7 ta' Ġunju fi Strasbourg, ir-rapport tas-Sinjura Laperrouze ġie aċċettat b'maġġoranza kbira ħafna.

Mit-30 emenda adottata mill-Parlament Ewropew (1-30, minbarra 20, li ġiet mibdula bl-emenda 38) il-Kummissjoni aċċettat għal kollox jew parzjalment: mill-1 sa d-19 inklussivament, mill-21 sat-30 inklussivament u l-emenda 38).

### 3.2. Emendi aċċettati mill-Kummissjoni u inkorporati kollha kemm huma jew parzjalment fil-pożizzjoni komuni

Fir-rigward tat-30 emenda adottati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill aċċetta l-20 emenda li ġejjin:

– għal kollox (xi kultant b'abbozzar mill-ġdid): 1, 2, 4, 5 (il-premessa 6), 6 (il-premessa 11), 8 (il-premessa 14a), 11, 16, 22 (l-Artikolu 8.1), 23 (l-Artikolu 9), 30;

– parzjalment: 7 (il-premessa 14), 12, 17, 24-29.

Fl-emendi 24-29 li jikkonċernaw l-Annessi, il-Kunsill ma aċċettax ir-referenzi għal "proġetti ta' interess Ewropew".

### 3.3. Emendi aċċettati mill-Kummissjoni u mhux imdaħħla fil-pożizzjoni komuni

Il-Kunsill ma aċċettax l-emendi li ġejjin: 3, 9, 10, 13, 14, 15, 18, 19, 38, u 21.

L-emenda 3 tiġbor fid-dettall il-kundizzjonijiet li taħthom hija possibbli l-għajnuna (il-Kunsill imur lura għat-test tal-proposta tal-Kummissjoni). L-emenda 13 tirrigwarda l-olefini; din il-kwistjoni ċċaqalqet lejn il-premessa addizzjonali (5) fil-pożizzjoni komuni. L-emenda 15 tintroduċi 'esternalitajiet ambjentali'. L-emendi li jifdal jirrigwardaw id-dikjarazzjoni ta' interess Ewropew u l-koordinatur Ewropew.

Il-Kunsill jirrikonoxxi partikolarment ir-rażan tal-Parlament Ewropew fit-trattament ta' l-Annessi, fejn il-Parlament aċċetta l-bidliet li saru u li ġew maqbula b'mod reċiproku mill-Kummissjoni u l-Kunsill, mingħajr ma għamel bidliet hu nnifsu. Fil-proċedura leġiżlattiva ulterjuri dwar dan id-*dossier*, kwalunkwe bidla ulterjuri lill-Annessi tista' tfixkel adozzjoni rapida tad-Deċiżjoni.

### 3.4. Elementi ġodda introdotti mill-Kunsill

Dwar il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill introduċa għadd ta' bidliet li huma riflessi hawn taħt.

– F'konformità mat-tneħħija ta' l-Artikoli 8, 9 u 10, il-Kunsill ħassar ukoll fil-premessi ir-referenzi għad-Dikjarazzjoni ta' interess Ewropew (il-Premessa 6, it-tieni sentenza) u l-koordinatur Ewropew (il-premessa 9). Madankollu, sabiex jinżammu ċerti elementi li jinsabu f'dawn l-Artikoli u premessi, il-Kunsill daħħal il-premessi ġodda 9, 10 (dwar finanzjament ta' proġetti ta' prijorità), 12 u 13 (dwar koordinament) fil-pożizzjoni komuni tiegħu. Iddaħħlet ukoll il-premessa ġdida 5 dwar l-olefini.

– Fl-Artikolu 4.2(b), iddaħħlet referenza għal "pajjiżi kandidati"; fl-Artikolu 4.3(c) ir-referenza għal gassijiet olefini ġiet imħassra.

– Fl-Artikolu 5(a), ir-referenza għal "proġetti ta' prijorità" ġiet imħassra .

– Fl-Artikolu 6.6, "wara konsultazzjoni" [l-Istati Membri] nbidlet b'"permezz ta' ftehim ma' " u ġiet miżjuda referenza għal ftehimiet multilaterali.

– Referenza lil "kumpaniji responsabbli" ġiet miżjuda ma' l-Artikolu 7.2.

– Fl-Artikolu 12 (l-Artikolu 9 tal-pożizzjoni komuni), ġie speċifikat li finanzjament privat jew finanzjament minn operaturi ekonimiċi għandu jkun "is-sors ewlieni ta' finanzjament".

Il-Kummissjoni tqis li l-premessi addizzjonali proposti li jispeċifikaw miżuri għall-koordinazzjoni u l-preferenza ta' l-appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' prijorità mhumiex xierqa sabiex jikkumpensaw għat-tneħħija tad-dikjarazzjoni ta' interess Ewropew u n-nomina ta' koordinatur Ewropew.

## 4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni adottata unanimament fl-1 ta' Diċembru 2005 tiċċara ċerti kwistjonijiet, iżda, bażikament, ma tmurx lil hinn mill-pożizzjoni tagħha ta' Ġunju 2004.

B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tibqa' toġġezzjona għat-tneħħija tal-miżuri proposti dwar in-nomina ta' "koordinatur Ewropew" u l-kategorija separata ta' "proġetti ta' interess Ewropew" partikolarment bil-għan li jkunu garantiti swieq sikuri u kompetittivi, u tfakkar li l-opinjoni tal-Parlament fl-ewwel qari aċċettat il-proposta tal-Kummissjoni f'dan l-aspett. Dan hu indikat fi stqarrija għall-minuti tal-Kunsill (ara hawn taħt).

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-għanijiet tal-politika dwar it-TEN-E segwiti fir-reviżjoni huma konformi mal-konklużjonijiet tal-Laqgħa Informali tal-Kapijiet ta' l-Istati jew il-Gvernijiet li saret f'Hampton Court fis-27 ta' Ottubru 2005, kif espressi fl-istqarrija ta' Tony Blair: "f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-enerġija, qbilna li mmexxu 'l quddiem il-ħidma fis-settur ta' l-enerġija, inkluż il-mod kif se nippruvaw nistabbilixxu netwerk Ewropew komuni. Ovvjament, diġà jeżistu ċerti inter-konnessjonijiet fuq bażi bilaterali. Madankollu, nistgħu nagħmlu ħafna iżjed u huwa wkoll importanti li l-politika dwar l-enerġija tkun xi ħaġa li naħdmu fuqha flimkien bħala Unjoni Ewropea, anki meta wieħed iqis li skond il-Kummissjoni Ewropea, fil-ftit snin li ġejjin se nibdew nimpurtaw madwar 90% tal-ħtiġijiet tagħna ta' żejt u gass fl-Ewropa."

*"Il-Kummissjoni tinnota l-qbil politiku unanimu tal-Kunsill.*

Il-Kumissjoni tfakkar fil-proposta tagħha dwar il-possibbiltà li jinħatar "Koordinatur Ewropew" u li tattribwixxi d-"dikjarazzjoni ta' interess Ewropew" lill-proġetti prijoritarji minn fruntiera għall-oħra, u tisħaq dwar il-ħtieġa li l-Kunsill iħares lejn il-kwistjoni kollha b'mod koreneti b'dak li diġà ġie aċċettat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fid-29 ta' April 2004 f'dak li għandu x'jaqsam mal-linji ta' gwida marbuta man-netwerks trans-Ewropej fis-settur tat-trasport."